MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 20/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**MARCON ABELA**
**(ID Nru. 337879M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 20/2015

Illum, 16 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marcon Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 337879M.

**Akkuzat talli:**

Bejn il-perjodu tat-tnax (12) ta` Settembru 2012 sat-tieni (2) ta` Mejju 2014 f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnu fi zmienijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, minn gewwa l-fond Farm Ta` Xewka, Triq l-Imnarja, Dingli, Malta, ikkommetta serq ta` elettriku ghad-dannu tal-korporazzjoni **Enemalta**, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, u cioe` ta` elf mija u tnejn u tletin euro u wiehed u sittin centezmu (€1,132.61).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tal-imputat mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Wara li nnotat il-hlas maghmul mill-imputat lill-*parte civile*;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c), 263 (a) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Ghaldaqstant, waqt illi din il-Qorti ssib lill-imputat hati kif akkuzat bl-ammissjoni tieghu stess, hija temmen illi piena karcerarja mhix il-kaz. Waqt li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali pjuttost nadifa tieghu u l-hlas li hu diga ghamel, minflok piena ta` habs din il-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------